MINUTI

Laqgħa tal-Kunsill Lokali – Il-Gudja

# IT-TMIEN LEĠISLATURA

# Laqgħa Numru 18/8

Il-Hamis 6 ta' Frar 2020

Il-Kunsill Lokali tal-Gudja ltaqa' fl-uffiċċju amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz 88, Triq Raymond Caruana, il-Gudja fil-6:40 ta' filgħaxija.

PREŻENTI:

Dr. Marija Sara Vella – Sindku
John Mary Calleja – Vici Sindku
Stefan Caruana – Kunsillier
Mark Anthony Sammut – Kunsillier

ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):

Maria Micallef - Kunsillier

ASSENTI

Nil

UFFIĊJALI PREŻENTI:

Lara Mascena - Segretarju Eżekuttiv

AĠENDA

018.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji;

018.2 Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-minuti (17/8 [14/01/20]);

018.3 Komunikazzjoni mis-Sindku;

018.4 Approvazzjoni tal-Annual Budget 2020;

018.5 Ħruġ ta` Tenders:
GLC/01/2020: Service Tender for the Collection of Household Waste from the locality of Gudja using low emission service vehicle;

018.6 Tweġibiet għall-mistoqsijiet tal-Kunsillieri;

018.7 Rapporti;

018.8 Temi oħra tal-Kunsill Lokali;
a. Triq iż-Żebbuġa – progress
b. Triq J. Pace, Triq id-Dejqa u Triq Sta Katarina - progress
c. Miżura 4.3 – Triq tal-Lampat, Triq Victor Pasmore u l-area Ta' Loreto - progress
d. Ġnien Raymond Caruana – progress
e. Ġnien Ġlormu Cassar – progress

018.9 Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti;

018.10 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss.

---

## Minuti

### Tmexxija u ftuħ tal-laqgħa

Is-Sindku Dr Marija Sara Vella ppresidiet il-laqgħa. Il-laqgħa bdiet fis-sebgħa neqsin għoxrin ta` filgħaxija (6.40pm) wara talba qasira minn dawk kollha preżenti.

**018.1. Qari tal-ittri ta' apoloġiji**

Is-Sindku nfurmat lil dawk preżenti li kien hemm ittra ta` apologija minghand is-Sinjorina Maria Micallef sabiex tigi skuzata. L-apologija giet milqugha minn dawk prezenti.

**018.2. Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-minuti (17/8 [04/01/20])**

018.2.1 Dawn il-minuti ġew iċċirkulati qabel il-laqgħa tal-Kunsill u ġew meħuda bħala moqrija.

018.2.2 Il-kunsillier SC talab biex isir emenda fuq item no: 7.3.8 – 7.3.12, fejn jigi klarifikat li l-Vici Sindku JM Calleja u l-kunsilliera M.Micallef ma jaqblux li Triq l-Kbira tigi one way, fejn il-Vici Sindku ghamel referenza ghal kif ser tafettwa toroq ohra jekk din it-triq isir one way. Dwar dan kien hemm qbil unanimu.

018.2.3 Il-Kunsill b'vot unanimu approva dawn il-minuti nru 017/8 nem con.

**018.3. Komunikazzjoni mis-Sindku**

018.3.1 Is-Sindku nfurmat lil dawk prezenti dwar korrispondenza li l-Kunsill ircieva minghand il-kumpanija MED Design Ltd dwar xi hlasijiet pendenti li ghad il-Kunsill irid ihallas fuq xoghlijiet li saru fi Triq B`Bugia. Il-Vici Sindku JM Calleja qal li ix-xoghol mill-kuntrattur sar u thallas. Huwa zied jghid li l-perit ghandu jithallas la l-kuntrattur thallas ta` xoghlu. Is-Sindku qalet li f`dak iz-zmien hija ma kinitx ghadha nvoluta fil-Kunsill u ghalhekk ma tafx ezatt x`kienet is-sitwazzjoni dak iz-zmien. Is-Sindku kompliet billi qalet li l-Kunsill la kien idecieda li ma jhallasx il-perit ma kellux jithallas il-kuntrattur. Is-Sur MA Sammut qal li huwa ser jastjeni milli japprova l-pagament fejn dwar dan qabel mieghu l-kunsillier S Caruana. Il-kunsillier S Caruana zied jghid li lkuntrattur kien thallas b`fazijiet ta` kull xoghol li sar u kompla billi qal li xoghol li sar irid jigi rrangat u li l-perit irid jerfa` responsabilta. Il-kunsillier MA Sammut propona sabiex il-Kunsill jiehu parir tal-perit rikkorenti tal-Kunsill jew ix-xoghol sarx sew jew le u kif tista` tisolva din il-problema. Is-Sindku talbet sabiex l-pagament ta` €822.20 johrog mill-Kunsill biss jekk tingar ir-responsabilta u li meta jitranga xoghol li ma sarx sew wara li l-Kusill ikun ha l-parir tal-perit tal-Kunsill. Wara diskussjoni s-Sindku proponiet sabiex il-Kunsill jikteb lill-kumpanija MED Design Ltd fejn jinfurmhom li l-hlas u l-pagament dovut ser isir meta l-Kunsill jinghata soluzzjoni ghall-problema li nholqot meta saret it-triq. Dr. Vella kompliet billi qalet li ghal kull bon fini l-Kunsill ser ikun qieghed jiehu l-parir tal-perit tieghu li xoghol sar sew u li m`hemmx soluzzjoni. Dwar dan kien hemm qbil mill-membri prezenti.

018.3.2 Is-Sindku nfurmat lil dawk prezenti li l-bollards ta` fejn l-iskola Primarja tal-Gvern bdew jitpoggew matul il-hinijiet li tfal jidhlu u johorgu mill-iskola mill-wiehed mill-haddiema tal-istess skola u dan sabiex jigi evitat li jidhlu karozzi matul dawn il-hinijiet biex jigi evitat kull incident.

018.3.3 Is-Sindku nfurmat lil dawk prezenti li matul dawn il-granet saru diversi xoghlijiet fosthom twahlet clothes bank gewwa l-HE tal-Mithna. Giet mnaddfa mill-haxxix dik iz-zona ta` fejn il-Palazz, twahhlet ir-round hump kbira fi Triq il-Kbira fost ohrajn.

018.3.4 Is-Sindku ghamlet referenza ghall-Urban Greening 2020 funds, fejn wara diskussjoni fit-tul li saret dwar is-sigar ta` Vjal it-Torri, gie deciz li jinqalghu dawk is-sigar biss li qeghdin jaghmlu hsara jew li hemm il-konok vojta.

018.3.5 Is-Sindku prezentat korrispondenza li ntbghatet lir-Regjun Nofsinhar dwar l-applikazzjoni ghall-Festa Nar 2020 sabiex din isir fil-lokalita tal-Gudja flimkien mall-lokalita ta` Hal-Luqa. Din l-attivita ser ssir fit-9 ta` Mejju 2020.

018.3.6 Is-Sindku nfurmat lil dawk prezenti li saret laqgha mall-Planning Authority flimkien mall-perit Karl Cutajar, fejn wara diskussjoni gie deciz li ssir *feasibility study* qabel ma jigi deciz kif ser isir il-progett.

018.3.7 Is-Sindku resqet il-proposta sabiex tinqala` sigra fi Triq il-Palazz, liema frieghi tas-sigra qeghdin mdahhlin fil-cables ta` dawl u li minn hin ghal hin qed nistennew li jsir xi incident. Is-Sindku proponiet li din is-sigra tinzabar u kien hemm qbil unanimu.

018.3.8 Giet prezenta mis-Sindku l-ittra li l-Kunsill ircieva minghand Transport Malta dwar talba biex isir reserved parking bay quddiem dar nurmu 24 fi Triq V.Dimech. Il-Kunsill approva din it-talba.

018.3.9 Giet prezentata l-kwotazzjoni tal-floor lights liema kwotazzjoni tammonta ghall-410Euro inc VAT ghal kull fitting flimkien max-xoghlijiet. Dawk prezenti approva din il-kwotazzjoni.

018.3.10 Is-Sindku nfurmat lil dawk prezenti li l-Kunsill applika ghall-fondi mir-Regjun Xlokk ghax-xoghlijiet li kienu saru fi Triq Hal Tarxien.

018.3.11 Prezentati l-kwotazzjonijiet tal-litter bins. Wara diskussjoni l-Kunsill approva li jinxtraw 10 bins tal-stainless steel ghal prezz ta` 315Euros excl VAT -il wiehed minghand il-kumpanija JGC LTD.

018.3.12 Prezentati l-kwotazzjonijiet ta` tnehhija ta` road hump tal-konkos fi Triq iz-Zebbuga, liema l-irhas kwotazzjoni hija ta` 1600Euro excl VAT. Il-Kunsill approva din il-kwotazzjoni.

018.3.13 Prezentati l-kwotazzjonijiet tal-printer leasing, fejn il-Kunsill approva l-irhas offerta dik tal-kumpanija Intercomp.

018.3.14 Prezentati l-kwotazzjonijiet tal-shredding sabiex il-Kunsill ikun jista` jidisponi mill-karti. Il-Kunsill approva l-offerta tal-kumpanija PTMatic.

018.3.15 Giet prezentata korrispondenza li ntbghatet mill-kumpanija Ability Publications Ltd dwar kwotazzjoni biex tigi pubblikata newsletter tal-Kunsill. Dawk prezenti qabblu li ghad-design navvicinaw xi student mill-Gudja li jafu jaghmlu dan ix-xoghol.

018.3.16 Is-Sindku proponiet sabiex jibdew isiru korsijiet tal-krafts gewwa darba fil-gimgha gewwa l-ufficini tal-Kunsill, fejn il-Kunsill ghandu fond ta` 999Euros sabiex juzhom ghal dawn il-korsijiet. Dwar dan kien hemm qbil minn dawk prezenti.

018.3.17 Giet prezentata il-kwotazzjoni tal-hart tal-hamrija fi Gnien Raymond Caruana ghall-prezz ta` 575Euros inkl. VAT.Din il-kwotazzjoni giet approvata minn dawk prezenti.

018.3.7 Is-Sindku ghamlet referenza ghac-Cirkulari SPI1/2020 dwar il-korsijiet ta` Life Long Learning 2020/2021. Il-Kunsill qabel unanimament li l-Kunsill japplika ghal dawn il-korsijiet ui jsiru dawn gewwa Centru Parrokjali.

018.4. Approvazzjoni tal-Annual Budget 2020

018.4.1 Giet prezentata l-verzjoni finali tal-Annual Budget 2020, liema rapport gie approvat minn dawk prezenti.

018.5. **Ħruġ ta` Tenders: GLC/01/2020: Service Tender for the Collection of Household Waste from the locality of Gudja using low emission service vehicle**

018.5.1 Dan it-tender document ġie iċċirkulat qabel il-laqgħa tal-Kunsill.

Is-Sindku ssugeriet sabiex il-hinijiet ta` gbir ta` skart jinbidel ghal filghaxija, fejn l-gbir jibda bejn is-sitta 6:00pm) u l-ghaxra ta` filghaxija (10:00pm).

Dwar dan il-proponiment kien hemm qbil minn dawk prezenti. Is-Segretarju Ezekuttiv ser ticcekja jekk dan huwiex possibli li jsir fil-lokalit tal-Gudja.

**018.6.** **Tweġibiet għall-mistoqsijiet tal-Kunsillieri**

**018.6.1** Il-kunsillier S Caruana talab sabiex jinqala` l-ficus li hemm f`Gnien iz-Zghazagh u l-ficus li hemm fejn shelter fi Triq Raymond Caruana.

**018.6.2** Il-kunsillier S Caruana talab sabiex il-Kunsill jiehu azzjoni dwar l-ilma li hiereg fi Triq Victor Pasrmore.

**018.6.3** Il-Kunsillier MA Sammut informa lil dak prezenti li sala tal-iskola St. Joan Antide sabiex isiru l-klassijiet tal-pilates. Il-membri tal-Kunsill qabblu li jsiru dawn il-klassijiet ghal prezz ta` ghoxrin ewro ghal ghaxar sezzjonijiet.

**018.7.** **Rapporti**

018.7.1 Gie rrapurtat li railing tal-stainless steel tal-gazebo fi Gnien Raymond Caruana rega` gie mqaccat. Dawk prezenti qabblu li dan ghandhu jigi rrangat.

018.7.2 Gie rrapuratat li Triq Mons. Pawlu Mallia ghandha bzonn isir bit-tarmak u dan ghal fatt din it-triq wara li nfethet mill-kuntrattur biex isir zvilupp qatt ma saret. Il-Kunsill idecieda li l-Kunsill jibghat lill-IM dwar din it-triq.

018.7.3 Giet prezentata korrispondenza li ntbghatet minghand resident dwar is-sitwazzjoni ta` Triq Hal Safi. Dan ir-resident talab sabiex il-Kunsill jintervjeni sabiex Triq tal-Kappella tigi mghotija tarmac u dan sabiex din it-triq tintuza wkoll u b`hekk il-karozzi jinqasmu f`zewg toroq. Il-Kunsill qabel li tintbghat korrispondenza lill-IM.

**018.8.** **Temi oħra tal-Kunsill Lokali;**

a. Triq iż-Żebbuġa – progress
b. Triq J. Pace, Triq id-Dejqa u Triq Sta Katarina - progress
c. Miżura 4.3 – Triq tal-Lampat, Triq Victor Pasmore u l-area Ta' Loreto - progress
d. Ġnien Raymond Caruana – progress
e. Ġnien Ġlormu Cassar – progress

**018.8.b.** Is-Sindku Dr. Marija Sara Vella nfurmat lil dawk prezenti li l-Kunsill gie notifikat bil-mandat ta` inibizzjoni nhar it-3 ta` Frar 2020 dwar is-seduta ta` nhar is-6 ta` Frar 2020. Is-Sindku nfurmat lil dawk prezenti li ghal Kunsill qieghdin jidru Dr.Dustin Camilleri u Dr. Marco Woods. Dr.Vella ziedet tghid li jekk il-mandat jintlahaq, ix-xoghlijiet ma jkunux jistghu jinbdew. Is-Sindku kompliet billi qalet li nhar it-13 ta` Frar 2020 ser jinstema` l-appell il-PCRB. Is-Sindku ziedet tghid li rapport ta` adgudikazzjoni qatt ma gie konkluz u u ghalhekk qatt ma gie ffirmat ebda kuntratt.

**018.8.e** Dr. Marija Sara Vella nfurmat lil dawk prezenti li xoghlijiet fi Gnien Gilormu Cassar ser jinbdew matul dan ix-xahar.

**Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti;**

**018.9.** Il-lista ta' pagamenti nru 07/8 kif ippreżentata ġiet ipproponuta mill-Vici Sindku JM Calleja u ssekondata mill-Kunsillier MA Sammut għall-ammont totali ta' €27,815.42 u ġiet approvata nem con.

**018.10. Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss**

018.10.1 Il-Laqgha ntemmet fid-disgha u ghoxrin ta` filghaxija. Is-Sindku aġġornat l-laqgħa għal nhar il-Ħamis 20 ta` Frar 2020 fis-6.30pm fuq aġenda li tiġi ċċirkulata għand il-Kunsilliera kollha qabel il-laqgħa.

Konfermati, illum il-Hamis 20 ta` Frar 2020.

| | |
|---|---|
| ffirmati | ffirmati |
| Dr. Marija Sara Vella | Lara Mascena |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |